**11 ta' Lulju, 1959**

**Imħallef:—**

**Onor. Dr. J. Flores, B.L. Can., LL.D.**

Anthony Zahra

*versus*

Anthony Montanaro

**Libell.**

*Artikolu stampat f'gurnal, li fih jigi attribwit lil persuna li din ikkommettiet intimidizzjoni illecita lil persuni oħra u li fat-*

*ittibwixxi lil dik il-persuna l-karattru ta' "ġakbin", huwa ċertament inġurjuż gravement.*

Il-Qorti:— Rat ir-rikors li bih l-imsemmi Anthony Montanaro appella mid-digriet tal-Qorti tal-Maġistrati ta' Malta tat-13 ta' Marzu 1959, li bih ġiet miċħuda l-offerta tiegħu, subordinata għall-eċċezzjoni li l-artikolu in kwistjoni mhux inġurjuż, biex jipprova l-verità tal-fatt allegat, u appella wkoll mis-sentenza tal-istess Qorti mogħtija fl-istess data, li biha l-appellant ġie misjub ħati li l-Belt Valletta u fi bnadijiet oħra, bħala editur tal-"Berqa", f'rapport imsejjaħ "Fil-jum tal-Luttu", stampat fl-ewwel paġina tal-ħarġa tal-11 ta' Frar 1959, huwa nġurja gravement lill-imsemmi Anthony Zahra, u ġie liberat taħt il-provvedimenti tal-art. 23(1)(a) tal-Kodiċi Kriminali; bl-ispejjeż kontra tiegħu;

Rat l-imsemmija digriet u sentenza;

Rat id-deċiżjoni preliminari ta' dil-Qorti diversament presjeduta, tas-6 ta' Ġunju 1959, li biha ġie milqugħ l-appell mid-digriet riferit, bir-revoka tal-istess digriet, u ġiet milqugħa t-talba tal-kwerelat fis-sens li ġiet permessa lilu l-prova tal-verità tal-fatti in bażi għall-inċiż (d) tal-art. 16 Kap. 117 Edizzjoni Riveduta għas-sens tal-liġi, u għalhekk ġiet rinvijata t-trattazzjoni għall-kontinwazzjoni; bl-ispejjeż riżervati għall-ġudizzju finali;

Trattat ulterjorment l-appell;

Ikkunsidrat;

Jingħad fl-artikolu "Fil-jum tal-Luttu", publikat fl-ewwel paġina fil-ħarġa tal-11 ta' Frar 1959 tal-ġurnal "Il-Berqa", li tagħha hu editur l-appellant, illi:— "Fil-jum tal-luttu, fil-Gudja, Anthony Zahra, suldat tal-R.A.F., flimkien ma' oħrajn, ħareġ idur b'karta f'idu biex jikteb lil dawk li marru għax-xogħol fil-"black book" mintoffjan. Mbagħad, dak inhar stess, Anthony Zahra telaq jgħaġġel lejn il-Karwija biex jaħdem";

Ma hemmx kwistjoni bejn il-partijiet li l-kwerelant hu l-persuna msemmija f'dak il-bran, u li hu jaħdem fir-Royal Air Force;

Dak il-bran hu preċedut u susseġwit minn narrazzjoni ta' fatti oħra allegati u kariku ta' diversi persuni, u kollox jinsab miġbur taħt il-kliem stampati b'ittri kapitali "L-isteijer ta' intimidizzjoni mintoffjana li wieħed jista' jiġbor dwar il-jum tal-luttu ma jispiċċaw qatt u deħlin dejjem";

L-istess bran, mbgħad, hu preċedut mill-allegazzjoni li persuna oħra speċifikata, fil-waqt li fil-jum tal-luttu ħarġet "tgħammex għal xi ħadd sejjer għax-xogħol", huwa lil-bintu "raqqadha tas-Sliema fil-lejl tat-Tnejn biex fil-jum tal-luttu tkun tista' tmur għax-xogħol bil-kwiet"; u hu susseġwit minn allegazzjoni li persuna oħra, fil-waqt li "pprova jġiegħel ħafna mpjegati sħabu tal-Lotterija biex jitolbu l-leave għal dak inhar tal-luttu...... daħal jaħdem fil-jum tal-luttu";

L-artikolu kollu jagħlaq bil-mistoqsija "Hekk ikunu dawk li ma humiex ġakbini, imma patrijotti?";

Ma jistax ikun hemm dubju li bl-artikolu in kwistjoni l-kwerelant ġie gravement inġurjat;

Hemm lilu attribwita intimidazzjoni illeċita lil dawk li marru għax-xogħol fil-jum tal-luttu, jew, kif oħrajn isejħulu, "Luttu Nazzjonali", li, kif huwa a konjizzjoni ta' kulħadd, jirriferixxi għat-3 ta' Frar 1959, meta l-Parlament Ingliż għadda r-revoka tal-Kostituzzjoni ta' Malta. L-inġurja hija aktar spikkata, diretta kif inhi lejn impjegat tar-Royal Air Force, u hekk suġġett għall-miżuri dixxiplinari ta' dak il-korp. Irriżulta infatti li qabel dak il-jum kien hemm projbizzjoni uffiċjali lill-membri ta' dak il-korp li jieħdu parti fil-politika, u li susseġwentement ħarġet anki ċirkulari f'dan is-sens. Irriżulta wkoll illi, wara li l-kwerelant wera hu stess l-artikolu lill-Commanding Officer tiegħu u nnega l-fatt, dan l-uffiċjal talbu jagħmel "statement", kif fil-fatt il-kwerelant għamel;

Barra minn dan, l-artikolu jattribwixxi lill-kwerelant il-karattru ta' "ġakbin", li bil-malti jfisser "ipokrita", "wiċċ b'ieħor", u li hu kontenut fil-kliem "Hekk ikunu dawk li mhumiex ġakbini, imma patrijotti." li huma preċeduti mill-oħrajn "Mbgħad... telaq jgħaġġel... fejn jaħdem";

Ikkunsidrat;

Għall-prova tal-verità tal-addebitu ġew prodotti mill-kwerelat ħames xhieda, barra l-kwerelant. Tlieta, li jafu lill-kwerelant,...... ma rawħx fil-ġurnata tal-fatt lilu attribwit...... P.C. Griffin xehed ... Is-Surġent Carmelo Debono, li kien riekeb ma' Griffin, xehed... Il-kwerelant xehed...;

Quddiem dawn id-depożizzjonijiet, bl-inċertezza tal-kuntistabbli Griffin jekk rax lill-kwerelant filgħodu jew wara nofs inhar, bil-preferenza għall-ħin ta' wara nofs inhar tas-Surġent Debono, bl-esklużjoni minn dawn iż-żewġ xhieda ta' kull ċirkustanza suspettuża a kariku tal-kwerelanti, bid-depożizzjoni tal-kwerelanti u l-imġieba tiegħu wara l-publikazzjoni tal-artikolu, ma jistgħax jingħad li l-appellant ipprova l-verità tal-addebitu;

Għalhekk;

Tirrespinġi l-eċċezzjoni tal-verità tal-konviċju, tiċħad l-appell, u tikkonferma s-sentenza; bl-ispejjeż, kompriżi dawk riżervati bid-deċiżjoni preliminari tas-6 ta' Ġunju 1959, kontra l-appellanti. Dritt tad-difensuri, barra dawk taxxati mill-Ewwel Qorti, tmien xelini għal kull seduta.